



Brussell, 10 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14983/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)
2018/0218(COD)

AGRI 602
AGRILEG 216
AGRIFIN 88
AGRISTR 83
AGRIORG 96
CODEC 1752
CADREFIN 411

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru dok. Cion: 9645/18 + COR 1 + ADD 1
9634/18 + COR 1 + ADD 1
9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1

Suġġett: Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara I-2020

a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

b) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

c) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew

- *Rapport ta' progress tal-Presidenza*

I. INTRODUZZJONI

1. Il-proposti għal riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) relatata mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 jikkonsistu mit-tliet Regolamenti li ġejjin:
 - **Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**, bħala element ċentrali, li jkopri l-pagamenti diretti, l-interventi f'ċerti setturi u l-iżvilupp rurali;
 - Regolament dwar il-finanzjament, ġestjoni u monitoraġġ tal-PAK (minn hawn 'il quddiem: ir-"**Regolament Orizzontali**"), li jaġġorna u jissostitwixxi r-Regolament attwali bl-istess isem;
 - Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) ta' prodotti agrikoli, li jemenda u jaġġorna r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 dwar l-OKS, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u (UE) Nru 229/2013 dwar il-gżejjer minuri tal-Baħar Eġew (minn hawn 'il quddiem: ir-"**Regolament Emendatorju**").
2. Fil-Kunsill, il-ħidma fuq it-tliet Regolamenti proposti tnediet taħt il-Presidenza Bulgara wara l-pubblikazzjoni tagħhom fl-1 ta' Ġunju 2018, u minn dakinhar ġiet segwita mill-Presidenzi kollha ta' wara.
3. Wara l-ewwel qari tat-tliet Regolamenti proposti mill-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill responsabbli u diskussjonijiet ulterjuri fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA) u fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Presidenza Awstrijaka ressqet l-ewwel sett ta' suġġerimenti ta' abbozzar dwar it-tliet proposti (15058/18 + ADD1, 15046/18, 14195/18); Hija ppreżentat ukoll Rapport ta' Progress dwar l-istat tal-ħidma (15027/18).

4. Bil-ħsieb li r-Regolamenti proposti jiġu allinjati aktar mal-fehmiet tal-Istati Membri, il-Presidenza Rumena kompliet il-ħidma fil-Kunsill u fil-korpi preparatorji tiegħu, u ppreżentat suġġerimenti ta' abbozzar riveduti (inkluż verżjonijiet konsolidati li jinsabu f'10103/19 REV1, 10135/19, 7451/1/19 REV 1 + COR 1); hija ħejjiet ukoll Rapport ta' Progress li jirrifletti l-istat tal-progress (10008/19).
5. Abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Presidenzi preċedenti, il-Presidenza Finlandiża għamlet pass importanti ieħor 'il quddiem billi aġġustat aktar it-tliet Regolamenti proposti għall-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet fil-Gruppi ta' Ħidma responsabbli, fil-KSA u fil-Kunsill. Il-Presidenza Finlandiża fittxet ukoll li ttejjeb il-leġibbiltà tat-testi u l-konsistenza legali tagħhom. Verżjonijiet konsolidati tas-suġġerimenti ta' abbozzar riveduti għat-tliet atti legali huma mniżżlin f'14824/19 + ADD 1, 14465/19 u 14535/19.
6. Għandu jiġi nnutat li xi elementi tat-tliet Regolamenti proposti huma parti min-negozjati orizzontali tal-QFP, u għalhekk huwa meħtieġ qbil dwar il-QFP biex il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni ġenerali tiegħu dwar ir-riforma tal-PAK ta' wara l-2020.

II. SITWAZZJONI ATTWALI DWAR IR-REGOLAMENT DWAR IL-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK

7. Il-Presidenza Finlandiża organizzat seba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali mifruxa fuq total ta' għaxart ijiem ta' ħidma biex il-proposta tkompli tiġi eżaminata, l-aktar abbażi ta' suġġerimenti tal-Presidenza dwar l-abbozzar u l-kontribut mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Saru wkoll diskussjonijiet fil-fond dwar elementi speċifiċi tal-proposta fil-1 l-il laqgħa li kellu l-KSA u fl-erba' laqgħat tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" abbażi ta' dokumenti ta' politika tal-Presidenza. Il-Presidenza Finlandiża ffukat l-isforzi tagħha b'mod partikolari fuq l-elementi li ġejjin:

Il-Mudell ta' Implimentazzjoni l-Ġdid (NDM)

8. Abbażi tal-appoġġ wiesa' li, fil-prinċipju, l-Istati Membri għandhom għal bidla minn sistema ta' konformità għal sistema bbażata fuq il-prestazzjoni, il-Presidenza Finlandiża żviluppat aktar il-proposta tal-Kummissjoni biex takkomoda t-tħassib tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-NDM, speċjalment fir-rigward ta' informazzjoni kwantitattiva li għandha tiġi inkluża fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni għall-fini tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni. Biex jitnaqqsu l-piż amministrattiv, il-ħtieġa li tingħata ġustifikazzjoni u r-riskju ta' telf ta' fondi, il-Presidenza kompliet b'mod partikolari l-ħidma mnedija mill-Presidenza Awstrijaka u dik Rumena dwar l-adattament tad-dispożizzjonijiet għall-ispeċifikitajiet ta' **interventi mhux ibbażati fuq l-erja/l-annimali**. L-għan tas-suġġerimenti għall-abbozzar diskussi kien li jnaqqsu l-probabbiltà ta' ammonti unitarji reali li jiddevjaw minn ammonti unitarji ppjanati, u għalhekk l-għadd ta' każijiet fejn l-Istati Membri jkollhom jipprovdu ġustifikazzjoni, b'riskju ta' tnaqqis jew sospensjoni ta' fondi. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali u l-KSA wrew li hemm bżonn ta' aktar ħidma fuq dan is-suġġett biex jiġu żgurati kemm implimentazzjoni bla xkiel tas-sistema l-ġdida kif ukoll l-użu korrett tal-fondi tal-UE. Hija meħtieġa wkoll aktar konsiderazzjoni b'mod partikolari dwar il-kontenut preċiż tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u tar-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni, kif ukoll dwar il-frekwenza tal-istadji importanti u tar-rieżami tal-prestazzjoni.

9. Biex tingħeleb id-diffikultà ta' ppjanar minn qabel tal-fondi li għandhom jiġu riżervati għall-interventi differenti u biex jiġu indirizzati każijiet possibbli ta' sovraeżekuzzjoni u ta' sottoeżekuzzjoni, il-Presidenza stinkat biex iżżid il-**flessibbiltà finanzjarja**. Il-Presidenza ssuġġeriet, pereżempju, li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu mhux biss l-ammonti unitarji massimi, iżda wkoll l-ammonti unitarji minimi. Dan ikun speċjalment rilevanti għal skemi ġodda, bħall-ekoskemi (*ara wkoll il-paragrafu 15*), u għall-parti tal-pilastru I tal-iskema tal-bdiewa żgħażaġh peress li dan jippermetti li jitnaqqsu l-ammonti unitarji għall-interventi ta' pagament dirett u li l-fondi jinħelsu biex jintużaw għall-iskemi l-ġodda jekk dawn jirriżultaw li huma aktar ta' suċċess milli mistenni. Il-Presidenza spjegat ukoll b'mod ċar il-possibilitajiet u l-limiti għall-Istati Membri biex jittrasferixxu fondi bejn l-interventi mingħajr ma jiġi emendat il-Pjan Strateġiku tagħhom tal-PAK. Barra minn hekk, il-Presidenza introduċiet il-possibbiltà li l-ammonti unitarji jonqsu aktar mill-minimu taħt ċerti kondizzjonijiet, speċjalment meta l-użu jkun oġhla minn dak mistenni u l-ebda fond ma jkun jista' jiġi ttrasferit minn interventi oħra ta' pagamenti diretti. Filwaqt li s-suġġerimenti ntlaqgħu b'mod ġenerali, hija meħtieġa aktar ħidma b'mod partikolari dwar il-possibbiltà li jintużaw fondi għal interventi għajr daww ipplanati inizjalment u dwar l-interventi li għalihom tkun permessa l-varjazzjoni tal-ammonti unitarji.
10. Diskussjonijiet fil-fond dwar l-**indikaturi** kemm fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali u fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK irriżultaw f'fehim aħjar tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri, li ppermetta lill-Presidenza tiċċara l-proposta tal-Kummissjoni u tallinjaha aktar mal-fehmiet tad-delegazzjonijiet. Il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali dwar il-ħidma li saret fil-Grupp ta' Esperti tagħha u l-Presidenza aċċettat is-suġġerimenti ta' natura teknika bil-ħsieb li jittejjeb l-Anness I għall-proposta. Madankollu, hija meħtieġa aktar ħidma, inkluż il-koordinazzjoni tal-ħidma bejn il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali u l-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni, biex jiġi żgurat li l-indikaturi jkunu adatti għall-iskop tagħhom u jkunu jistgħu jiġu applikati faċilment.
11. F'inizjattiva konġunta tal-Presidenza u tal-Kummissjoni, fl-4 ta' Diċembru sar **seminar dwar l-Ippjanar Strateġiku tal-PAK** biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jiskambjaw l-esperjenzi dwar il-ħidma preparatorja għall-PAK futura. Dan is-seminar iffoka b'mod partikolari fuq l-approċċ strateġiku ġenerali, b'mod partikolari l-SWOT u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, ir-rabtiet mal-loġika ta' intervent, it-tfassil ta' interventi u t-tnejn tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

Aspetti ambjentali u relatati mal-klima

12. L-aspetti ambjentali u dawk relatati mal-klima tar-riforma tal-PAK kienu prijorità ċara għall-Presidenza Finlandiża, li ddedikat żewġ laqgħat tal-Kunsill (f'Lulju u f'Novembru) għal dan is-suġġett, flimkien mal-eżami li qed tagħmel fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali u l-KSA. Il-Presidenza nnutat li l-Istati Membri, fil-prinċipju, kienu favur **ambizzjoni ambjentali u klimatika ogħla** meta mqabbla mal-perijodu attwali, bil-kondizzjoni li: i) riżorsi finanzjarji xierqa jkunu disponibbli għall-PAK futura; ii) il-piż amministrattiv iżamm f'livell minimu, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontrolli dwar il-konformità mal-istandards ambjentali; iii) kienet żgurata biżżejjed flessibbiltà biex tiġi adattata l-"arkitettura ekoloġika" għall-ħtiġijiet reġjonali u lokali. Ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet dwar dan is-suġġett ladarba jintlaħaq ftehim dwar il-QFP.
13. Saru diversi diskussjonijiet dwar is-sistema ta' **kondizzjonalità** proposta, b'mod partikolari dwar:
- Il-formulazzjoni ta' ċerti **standards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art** (standards tal-KAAT) fl-Anness III (b'mod partikolari l-istandards KAAT 1, 2, 7, 8 u 9), li dwarhom il-Presidenza tqis li nstab kompromess bilanċjat. Madankollu, hija meħtieġa aktar ħidma dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-istandard tal-KAAT 9 u l-kondizzjonijiet tiegħu, li għandhom impatt fuq id-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" - *ara l-paragrafu 17*);
 - It-tħassir possibbli ta' xi **rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni** (SMRs) marbuta mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali fl-istess Anness. Dwar din il-kwistjoni, l-Istati Membri għandhom fehmiet differenti, l-aktar fid-dawl tal-impatt li l-penali amministrattivi, wara nuqqas insinifikanti ta' konformità ma' rekwiżiti bħal dawn, jimponu fuq il-bdiewa u l-piż tal-kontrolli ta' tali rekwiżiti fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali;

- **L-Ghodka Konsultattiva tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti (FaST)**, li inizjalment kienet inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni bħala l-istandard GAEC 5 iżda li tmexxiet mill-Presidenza Awstrijaka għall-Artikolu 13 ("Servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli"). Fid-29 ta' Ottubru, ġiet organizzata wkoll sessjoni ta' ħidma b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Presidenza Finlandiża biex jiġu diskussi l-karatteristiċi tekniċi ewlenin ta' din l-ghodka. L-Istati Membri laqgħu l-possibbiltà li, bħala alternattiva għall-FaST, jużaw għodod oħra diġà fis-seħħ, iżda l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri xorta talbu li d-dispożizzjoni ssir inqas dettaljata.
14. Kwistjoni ewlenija oħra kienet dwar jekk il-**bdiewa żgħar** għandhomx jibbenefikaw minn kwalunkwe deroga mill-kondizzjonalità jew mill-inqas mill-kontrolli u l-penali relatati. Filwaqt li mhux id-delegazzjonijiet kollha qablu mas-suġġeriment ta' għadd ta' Stati Membri biex ikollhom eżenzjoni sħiħa minn kontrolli u penali, kien hemm qbil ġenerali dwar il-hteġa li tiġi prevista sistema "eħfef" ta' kontrolli u penali amministrattivi proporzjonati għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, kif issuġġerit mill-Presidenza (l-Artikoli 84 u 85 tar-Regolament Orizzontali). Din l-għażla għandha tiġi kkunsidrata aktar minħabba li tista' tipprovdi raġunijiet għal kompromess xieraq mingħajr ma tfixxkel l-ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-politika futura.
15. Il-Presidenza nnutat interess ġenerali fost l-Istati Membri fil-possibbiltajiet offruti minn **ekoskemi**. Saru diversi diskussjonijiet dwar dawn l-istrumenti l-ġodda, li ffukaw b'mod partikolari fuq:
- In-natura obbligatorja jew volontarja tagħhom, li dwarha d-delegazzjonijiet għad għandhom fehmiet diverġenti;
 - Id-diffikultajiet fl-ippjanar minn qabel ta' dawn l-istrumenti l-ġodda hekk kif l-Istati Membri jibzġhu li użu eċċessiv (jew insuffiċjenti) tal-ekoskemi mill-bdiewa jista' jirriżulta f'telf ta' fondi;
 - Il-Presidenza ċċarat suġġerimenti preċedenti li jingħata appoġġ mhux biss għal kull ettaru iżda wkoll għal kull unità ta' bhejjem, kif ukoll biex tkun tista' tkopri l-ispiża tat-tranżazzjoni; dawn is-suġġerimenti ntlagħu tajjeb mid-delegazzjonijiet.

16. Il-Presidenza ssuġġeriet li tissostitwixxi l-minimu ta' 30 % tan-nefqa ambjentali u relatata mal-klima skont il-FAEŻR b'**perċentwal uniku jew b'ammont fiss** mill-bagiġ kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK (filwaqt li tinżamm delimitazzjoni għall-interventi fl-iskemi tal-frott u l-ħxejjex, *ara l-paragrafu 19*). Dan is-suġġeriment huwa maħsub biex jiżgura ambizzjoni ambjentali oġġla filwaqt li tizzied il-flessibbiltà għall-Istati Membri dwar kif dan jista' jiġi ssodisfat b'interventi differenti. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" ta' Novembru laqa' dan l-approċċ, filwaqt li qisuh bħala bażi xierqa għad-diskussjoni, filwaqt li xi delegazzjonijiet daħħlu riżerva jew talbu aktar informazzjoni qabel ma jieħdu pożizzjoni finali. Għalhekk, il-Presidenza temmen li din l-idea tista' tiġi esplorata aktar u li għandha tiġi ddedikata ħidma teknika biex tkun tista' tiġi implimentata. Madankollu, il-perċentwal attwali (jew l-ammont fiss) jista' jiġi stabbilit biss ladarba jintlaħaq ftehim dwar il-QFP li jmiss. Jenħtieġ li jitqies kif jiġi żgurat li l-lista ta' interventi li jgħoddu għall-perċentwal uniku jew l-ammont fiss tinkludi biss interventi mmirati b'mod xieraq lejn objettivi ambjentali u klimatiċi, kif ukoll kif jiġi żgurat li l-perċentwal jew l-ammont fiss ta' finanzjament jintlaħqu.

Elementi oħra

17. Wara diskussjonijiet estensivi dwar xi definizzjonijiet u kondizzjonijiet, il-Presidenza ppreżentat suġġerimenti ġodda ta' abbozzar li jindirizzaw it-tħassib tal-Istati Membri. L-aktar definizzjonijiet diskussi kienu: "bidwi ġenwin", fejn il-Presidenza ssuġġeriet li tinżamm applikazzjoni volontarja u li l-Istati Membri stess jitħallew jiddeterminaw b'mod sħiħ il-kunċett ta' "bidwi ġenwin" abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji; "bur permanenti", fejn inżamm approċċ ibbażat fuq ir-Regolament Omnibus; "ettaru eliġibbli", fejn il-Presidenza ssuġġeriet it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex jinkludi ċerti żoni li huma ta' benefiċċju għall-ambjent, bħal karatteristiċi ta' pajsaġġ jew karatteristiċi mhux produttivi koperti bl-istandard 9 tal-KAAT jew oqsma koperti minn skemi ekoloġiċi, dment li l-attività agrikola ma tkunx imxekkla.

18. Fir-rigward tat-**tipi ta' interventi fil-forma ta' pagamenti diretti**, is-suġġerimenti għall-abbozzar tal-Presidenza jippermettu li l-Istati Membri jimmiraw aħjar l-appoġġ skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Saru aktar suġġerimenti dwar il-pagamenti għall-bdiewa żgħażaġh, li għalihom il-Presidenza ssuġġeriet li tagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà biex jistabbilixxu massimu ta' ettari għal kull bidwi żaġżuġh. Fir-rigward tal-**appoġġ akkoppjat għall-introjt**, l-Istati Membri kellhom opinjonijiet diverġenti, u għalhekk it-test attwali deher li kien ibbilanċjat.
19. Il-bidliet ewlenin dwar it-tipi ta' interventi f'ċerti setturi kienu:
- Lista magħluqa ta' setturi li għandhom jiġu koperti minn interventi għal "setturi oħra" li għandhom jiġu inklużi bħala anness għar-Regolament;
 - L-ambitu ta' forom ta' kooperazzjoni taħt "setturi oħra" (Artikolu 60a) kien jeħtieġ diskussjoni sostanzjali u l-Presidenza ppreżentat approċċ alternattiv biex tipprovdi appoġġ lil gruppi ta' produttori jew kooperattivi li għandhom mhumieħ rikonoxxuti bħala organizzazzjonijiet tal-produttori. Dan l-approċċ kiseb l-appoġġ tal-maġġoranza tal-Istati Membri u jistħoqqlu aktar kunsiderazzjoni;
 - Element li għadu qed jiġi diskuss huwa l-perċentwal tal-appoġġ taħt l-iskemi tal-frott u l-ħxejjex biex jiġu delimitati għal finijiet relatati mal-ambjent u l-klima.
20. Fir-rigward tat-tipi ta' interventi għall-**iżvilupp rurali**, wara d-diskussjonijiet li saru fil-KSA u l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali, il-Presidenza ssuġġeriet bidliet li kienu milqugħa mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet. Dawn inkludew il-possibbiltà li jiġu appoġġati unitajiet minbarra ettari taħt ċerti "impenji ta' ġestjoni ambjentali, klimatiċi u oħrajn" u l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar minbarra l-appoġġ tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh u n-negozju rurali. Madankollu, elementi oħra ser jeħtieġu aktar diskussjoni, b'mod partikolari l-intensità tal-ġhajjnuna għall-investimenti, l-eċċezzjonijiet għax-xiri tal-art u l-investimenti fl-irrigazzjoni.

21. Il-Presidenza analizzat ukoll l-**elementi amministrattivi** tal-proposta, partikolarment dawk li jirreferu għall-istruttura ta' governanza tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, biex twieġeb għat-tħassib tal-pajjiżi reġjonalizzati li jixtiequ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jkunu involuti fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Għad jista' jkun hemm bżonn ta' aktar ħidma fuq dawn l-elementi biex tiġi żgurata governanza tajba tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.
22. Il-Presidenza aġġornat dispożizzjonijiet dwar **strumenti finanzjarji** biex tiżgura l-allinjament mal-bidliet introdotti fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) u mar-Regolament InvestEU. Madankollu, jeħtieġ li l-ħidma fuq dawn id-dispożizzjonijiet tissokta ladarba s-CPR ikun stabbilizzat biżżejjed.
23. F'kooperazzjoni mill-qrib mas-Servizz Legali tal-Kunsill, il-Presidenza rrevediet is-**setgħat tal-Kummissjoni** biex tiċċara l-iskop preċiż tagħhom u, fejn meħtieġ, tiddefinixxi mill-ġdid il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u tispeċifika l-elementi ewlenin li għandhom jiġu inklużi fil-leġislazzjoni sekondarja.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT ORIZZONTALI

24. Fir-rigward tar-**Regolament Orizzontali propost** u matul il-Presidenza Finlandiża, il-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN iltqa' ħames darbiet u eżamina b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin: Approċċ ta' awditu uniku u Verifiki mill-Kummissjoni (l-Artikoli 46 u 47); Skrutinju tat-tranżazzjonijiet (l-Artikoli 74-83); Interventi mhux ibbażati fuq l-erja u mhux ibbażati fuq l-annimali fil-mudell ta' implimentazzjoni ġdid; Pakkett ta' approvazzjoni annwali u l-approvazzjoni tal-prestazzjoni annwali fil-mudell ta' implimentazzjoni ġdid; L-Artikoli rilevanti għall-mudell ta' implimentazzjoni ġdid (l-Artikoli 8, 38-40, 52) u l-Proċedura tal-konformità (l-Artikolu 53). Abbażi tad-diskussjonijiet, il-Presidenza fasslet test tal-Presidenza tal-proposta għal Regolament Orizzontali (14465/19), li jirrifletti s-suġġerimenti ta' abbozzar kollha li saru taħt il-Presidenza Awstrijaka¹, dik Rumena² u dik Finlandiża³. Dan it-test, flimkien ma' nota ta' trasmissjoni li tispjega l-kwistjonijiet u l-pożizzjonijiet ewlenin tad-delegazzjonijiet, intlaqa' b'mod ġenerali mill-KSA⁴.

¹ Ara WK 13742/2018.

² Ara WK 6442/2019 REV 1.

³ Spjegazzjonijiet għal dawn is-suġġerimenti ta' abbozzar jinsabu fid-dokumenti 13478/19 u 14111/1/19 REV 1.

⁴ Ara r-rapport dwar is-sitwazzjoni attwali 14465/19

25. Id-delegazzjonijiet jaqblu b'mod ġenerali ma' dawn l-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni bil-fehim li pożizzjoni finali dwar it-test tista' tittieħed biss ladarba jkun intlaħaq qbil dwar il-QFP, meta l-konsegwenzi tal-formulazzjoni finali tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-proposta għal Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK dwar id-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolament Orizzontali jkunu ġew eżaminati, u bil-kondizzjoni li l-qbil dwar ir-Regolament Orizzontali jkun parti mill-qbil ġenerali dwar it-tliet proposti leġislattivi post-2020 tal-PAK.

Kwistjonijiet speċifiċi fir-Regolament Orizzontali

26. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet il-ġodda fir-Regolament Orizzontali, li huma rilevanti fil-kuntest tal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid⁵, id-diskussjonijiet taħt il-Presidenza Finlandiża ffukaw l-aktar fuq il-kontenut tal-**pakkett ta' approvazzjoni annwali** u l-proċedura għall-**approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni**. F'dan ir-rigward, l-Artikoli 38 u 39 dwar is-**sospensjoni tal-pagamenti** u l-Artikolu 52 dwar l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni fir-Regolament Orizzontali propost ġew emendati sakemm jiġu ffinalizzati fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali l-Artikoli rilevanti relatati mal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, bħall-Artikolu 121 dwar ir-rapporti annwali tal-prestazzjoni u l-Artikolu 121a dwar ir-rieżami tal-prestazzjoni ta' kull sentejn. Xi delegazzjonijiet iqisu wkoll li l-Artikolu 8 dwar l-**aġenziji tal-pagamenti** u l-korpi ta' koordinazzjoni, l-Artikolu 40 dwar is-Sospensjoni tal-pagamenti b'rabta ma' nuqqasijiet fis-sistemi ta' governanza u l-Artikolu 53 dwar il-**proċedura tal-konformità** jistgħu possibbilment jeħtieġu aktar konsiderazzjoni ladarba tkun ġiet iffinalizzata d-diskussjoni dwar l-Artikoli relatati mal-mudell ta' implimentazzjoni ġdid fir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

⁵ Ara d-dokumenti informali tal-Kummissjoni WK 10172/2019 u WK 10731/2019.

27. Fir-rigward tal-**approċċ ta' awditu uniku** (l-Artikolu 46), xi delegazzjonijiet għadhom jitolbu li l-approċċ ta' awditu uniku jitfassal b'mod aktar ċar fir-Regolament fir-rigward tal-impenn tal-Kummissjoni li tiegħu assigurazzjoni mill-ħidma tal-**Korpi taċ-Ċertifikazzjoni** u kif dan fil-fatt iwassal għal limitazzjoni tal-**verifiki mwettqa mill-Kummissjoni** fl-Istati Membri (l-Artikolu 47) meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali, li ġeneralment titqies bħala piż amministrattiv kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll għall-benefiċjarji⁶. L-importanza tal-implimentazzjoni tal-approċċ ta' awditu uniku tista' possibbilment, kif issuġġerew xi delegazzjonijiet, tiġi riflessa fi żmien aktar tard fil-Premessi tar-Regolament jew f'dikjarazzjoni tal-Kummissjoni.
28. Il-Kapitolu fir-Regolament Orizzontali dwar l-**iskrutinju tat-tranżazzjonijiet** (l-Artikoli 74-83) ġie emendat b'mod konsiderevoli biex jirrifletti x-xewqa ta' għadd kbir ta' delegazzjonijiet biex ikun hemm **simplifikazzjoni**, u fl-istess waqt biex jirrispetta t-talba ta' tant delegazzjonijiet oħra biex jinżammu dispożizzjonijiet fl-att bażiku **li jiżguraw ambjent ta' kontroll xieraq**, inkluż fir-rigward ta' dokumenti kummerċjali u assistenza reċiproka. It-test kif inhu bħalissa jipprova jimminimizza kemm jista' jkun possibbli l-ispejjeż u l-piż amministrattiv għall-Istati Membri u għandu jitqies bħala compromess bejn it-tfassir sħiħ ta' dan il-Kapitolu u ż-żamma tad-dispożizzjonijiet kif proposti mill-Kummissjoni. Madankollu, xi delegazzjonijiet xorta jixtiequ jfittxu aktar simplifikazzjoni fir-rigward tal-iskrutinju.

⁶ Għal spjegazzjoni tal-obbligi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit u l-fehmiet tagħha dwar l-approċċ ta' awditu uniku ara: WK 9669/2019 u WK 5888/2019.

29. Id-dispożizzjonijiet proposti dwar is-**Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll** (SIAK) (l-Artikoli 63-73) u s-**sistema ta' kontroll u l-penali b'rabta mal-kundizzjonalità** (l-Artikoli 84-87) ġew eżaminati aktar fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali. Meta mqabbla mat-test konsolidat preċedenti tal-proposta għal Regolament Orizzontali (dok. 10135/2019), ġew introdotti xi bidliet oħra mill-Presidenza Finlandiża f'dawn il-kapitoli tar-Regolament Orizzontali, li d-delegazzjonijiet setgħu jaċċettaw b'mod ġenerali. Il-bidliet introdotti fil-Kapitolu dwar is-SIAK huma prinċipalment maħsuba biex jipprovdu kjarifika addizzjonali fit-test iżda jista' jkun hemm bżonn li l-elementi varji tas-SIAK (l-Artikolu 64) u tas-sistema għall-identifikazzjoni tal-bçeġġeċ tar-raba (l-Artikolu 66) jiġu kkunsidrati aktar. L-istess jgħodd għall-bidliet introdotti fil-Kapitolu dwar is-Sistema ta' kontroll u l-penali b'rabta mal-kundizzjonalità (l-Artikoli 84 u 85). Fl-Artikolu 86 dwar il-**Kalkolu tal-penali** f'każ li r-regoli dwar il-kundizzjonalità jinkisru, ġew introdotti emendi biex tkun tista' ssir gradazzjoni tal-penali, skont il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità fuq il-kisba tal-oġġettivi u meta jerġgħu jinkisru. Minħabba din il-modifika, is-sistema ta' twissija bikrija tal-kundizzjonalità tħassret. Dwar is-sistema ta' kontroll għall-kundizzjonalità (l-Artikolu 84) u l-penali (l-Artikolu 85), id-delegazzjonijiet għadhom maqsuma dwar il-kwistjoni ta' eżenzjonijiet possibbli għal bdiewa żgħar. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jkunu jeħtieġu aktar konsiderazzjoni kif ukoll l-applikazzjoni u l-kalkolu tal-penali (l-Artikolu 86 (2a)), u l-kunċett ta' "konsegwenzi insinifikanti".

30. Ċerti aspetti relatati mal-Aġenziji tal-Pagamenti u korpi ta' koordinazzjoni (l-Artikolu 8), is-Setgħat tal-Kummissjoni (l-Artikoli 45 u 50), u s-Sistema ta' kontroll għall-kundizzjonalità (l-Artikolu 84) jeħtieġu aktar analiżi. Fl-Artikolu 8 dan jikkonċerna t-test miżjud li jissuġġerixxi eżenzjoni ġenerali mill-obbligu li jiġi ristrett l-**għadd ta' aġenziji tal-pagamenti akkreditati**, li t-test tagħhom mhuwiex sod għal raġunijiet legali. Fl-Artikoli 45 u 50, u kif meħtieġ mill-Artikolu 290 TFUE, l-**objettivi, il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u d-durata tas-setgħat tal-Kummissjoni** jeħtieġu qafas aktar speċifiku milli huwa l-każ bħalissa. Fl-aħħar nett, kif ġie nnutat fl-Artikolu 84, il-konsistenza tal-użu tat-**termini "għajnuna", "appoġġ" u "pagamenti"** fir-Regolament kollu għandha tiġi vverifikata fil-mument xieraq. Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li l-**kwistjonijiet li ġejjin relatati mal-QFP** (l-hekk imsejja test bejn parentesi) ma ġewx abbozzati mill-ġdid mill-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN billi huma kompetenza tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP: l-Artikolu 14 dwar ir-**Riżerva għall-agrikoltura**; l-Artikolu 15 dwar id-**Dixxiplina finanzjarja** (inkluż il-limitu massimu ta' EUR 2000 miżjud mal-Artikolu 15(1)); l-Artikolu 29 dwar **Arranġamenti dwar il-prefinanzjament**; u l-Artikolu 32 id-**Diżimpenn awtomatiku** għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

IV. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT EMENDATORJU

31. Ir-"Regolament Emendatorju" jinkludi emendi għal ħames regolamenti:
- Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli;
 - Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel;
 - Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati;

- Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni; u
 - Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar tal-Eġew.
32. Wara diskussjonijiet matul il-Presidenza Awstrijaka u dik Rumena, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet fil-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" ta' Ottubru qablu mal-valutazzjoni tal-Presidenza Finlandiża li t-test tar-Regolament Emendatorju kien fil-biċċa l-kbira tiegħu stabbli. Madankollu, xi delegazzjonijiet xtaqu jwessgħu d-diskussjoni għal kwistjonijiet li mhumiex inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni (pereżempju għal intervent pubbliku).
33. Konsegwentement, matul il-Presidenza Finlandiża saret laqgħa waħda biss tal-Grupp ta' Ħidma. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli ltaqa' fil-25 ta' Ottubru 2019. Huwa ffoka fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw it-tikkettar tal-inbid: kemm ir-regoli dwar it-tikkettar infushom (l-Artikoli 119 u 122 tar-Regolament CMO) kif ukoll dawk dwar il-kontrolli u l-penali relatati mat-tikkettar (l-Artikolu 90a).
34. Fid-dawl tad-diskussjonijiet dwar it-**tikkettar tal-inbid**, il-Presidenza mmodifikat id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament 1308/2013 kif ġej:
- fl-Artikolu 90a(0a), terġa' lura l-formulazzjoni li tidher attwalment fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament 1306/2013, filwaqt li tiġi estiża l-premessa 19a biex jiġi ċċarat li l-inbid jista' jiġi rritornat lura fis-suq jekk tiġi kkoreġuta tikketta li ma tkunx konformi mar-regoli; u
 - il-kjarifika, fir-regoli tat-tikkettar fl-Artikolu 119, li l-ġhażla biex il-lista ta' ingredjenti ssir disponibbli b'mezzi elettroniċi ma tapplikax għall-allerġeni u li l-konsumaturi li jikkonsultaw dawn il-listi ma għandux ikollhom id-data tagħhom miġbura jew traċċata u m'għandhomx jisfaw fil-mira ta' materjal ta' kummerċjalizzazzjoni.
 - iż-żieda ta' regola tranżizzjonali fl-Artikolu 6 għall-istokkijiet eżistenti tal-inbid.

35. Il-Presidenza għamlet ukoll żewġ bidliet għal dispożizzjonijiet oħra biex jingħata effett lil talbiet mhux kontroversjali mid-delegazzjonijiet:
- biex tiġi evitata kull ambigwià, biex titneħħa r-referenza li fadal għal kwalità standard tal-pitravi taz-zokkor mill-Anness X tar-Regolament 1308/2013; u
 - biex tiżdied denominazzjoni tal-bejgħ ġdida għal xorb aromatizzat ibbażat fuq l-inbid - Wino ziołowe (inbid bil-ħxejjex aromatiċi) - mal-lista fl-Anness II għar-Regolament 251/2014.
36. Id-delegazzjonijiet fi ħdan il-KSA laqgħu b'mod ġenerali t-test tal-Presidenza Finlandiża. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet setgħu jaċċettaw il-modifiki kollha ssuġġeriti dwar il-kwistjoni tat-tikkettar tal-inbid.
37. Xi delegazzjonijiet ħadu wkoll l-opportunità biex jikkonfermaw li kien baqgħalhom tħassib dwar kwistjonijiet fejn il-Presidenza ma ssuġġerietx bidliet għat-test legali, b'mod partikolari: ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, ix-xbieki ta' sikurezza skont id-dispożizzjonijiet tas-suq, pereżempju miżuri li jindirizzaw it-tfixkil fis-suq u l-pakketti finanzjarji għall-iskemi għall-iskejjel. Id-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet ser ikunu meħtieġa fl-2020, ladarba jkun hemm aktar ċarezza dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
-